SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)
18 ta' Ottubru 2007 *

Fil-Kawża C-173/06,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skond l-Artikolu 234 KE, imressqa mill-Commissione tributaria regionale di Genova (l-Italja), permezz ta' deċiżjoni tat-13 ta' Frar 2006, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-3 ta' April 2006, fil-proċedura

Agrover Srl

vs

Agenzia Dogane Circoscrizione Doganale di Genova,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn A. Rosas, President ta' l-Awla, J. Klučka, A. Ó Caoimh, P. Lindh (Relatur) u A. Arabadjiev, Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

Avukat Ġenerali: V. Trstenjak,
Reġistratur: L. Hewlett, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-28 ta' Frar 2007,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Agrover srl, minn G. Leone, avvocato,

— għall-Gvern Taljan, minn I. M. Braguglia, bħala aġent, assistit minn G. Albenzio, avvocato dello Stato,

— għall-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn J. Hottiaux u D. Recchia, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-7 ta' Ġunju 2007,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni ta' l-Artikoli 216 u 220 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, tat-12 ta' Ottubru 1992, li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU L 302, p. 1), kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2700/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Novembru 2000 (ĠU L 311, p. 17, iktar 'il quddiem il-"Kodiċi Doganali").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' rikors għal annullament imressaq minn Agrover Srl (iktar 'il quddiem "Agrover") kontra avviż ta' rkupru ta' dazji ta' dwana li ttieħdet mill-Agenzia Dogane Circoscrizione Doganale di Genova (awtoritajiet dognali ta' Ġenova).

Il-kuntest ġuridiku

3 Il-Ftehim Ewropew li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika ta' l-Ungerija, min-naħa l-oħra, iffirmat fi Brussell fis-16 ta' Diċembru 1991, kien ġie approvat f'isem il-Komunitajiet Ewropej bid-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni 93/742/Euratom, KEFA, KE, tat-13 ta' Diċembru 1993 (ĠU L 347, p. 1). Il-protokoll Nru 4 ta' dan il-ftehim, dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti li joriġinaw" u għall-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva, kif emendat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika ta' l-Ungerija, min-naħa l-oħra Nru 3/96, tat-28 ta' Diċembru 1996 (ĠU 1997, L 92, p. 1, iktar 'il quddiem il-"protokoll Nru 4"), għandu l-Artikolu 15 tiegħu, intitolat "Projbizzjoni ta' rifużjoni jew eżenzjoni mid-dazji doganali", id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

"1. a) Materjali li mhumiex oriġinarji u li ntużaw fil-manifattura ta' prodotti li joriġinaw mill-Komunità, mill-Ungerija jew minn pajjiżi oħra elenkati fl-Artikolu 4, li għalihom inħarġet jew saret prova ta' l-oriġini skond id-dispożizzjonijiet tat-Titolu V, m'għandhomx jibbenefikaw, la fil-Komunità u lanqas fl-Ungerija, minn rifużjoni ta' kwalunkwe tip, ta' dazji doganali jew eżenzjoni minnhom ta' kwalunkwe tip.

[...]

2. Il-projbizzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tapplika għal kull ftehim sabiex isir irkupru, rifużjoni jew nuqqas ta' ħlas parzjali jew totali ta' dazji tad-dwana jew taxxi li għandhom effett ekwivalenti applikabbli fil-Komunità jew fl-Ungerija fuq materjali użati fil-produzzjoni kif ukoll prodotti koperti bil-paragrafu 1(b) jekk dan l-irkupru, din ir-rifjużjoni jew dan in-nuqqas ta' ħlas japplika espressament jew fil-fatt, meta l-prodotti magħmula li ġejjin mill-imsemmija materjali jkunu esportati u mhux intiżi għall-konsum nazzjonali.

3. L-esportatur ta' prodotti koperti minn prova ta' oriġini għandu jkun jista' jipproduċi dejjem, fuq talba ta' l-awtoritajiet tad-dwana, id-dokumenti meħtieġa kollha li jistabbilixxu li ebda rifużjoni ma ngħatat għal materjali li ma joriġinawx [mill-post] li tħaddmu fil-produzzjoni tal-prodotti kkonċernati, u li d-dazji tad-dwana jew taxxi ta' effett ekwivalenti applikabbli għal dawn il-materjali jkunu effettivament imħallsa.

[...]" [traduzzjoni mhux uffiċjali]

4 L-Artikolu 114(1) tal-Kodiċi Doganali jiddisponi b'mod partikolari li l-proċedura ta' l-ipproċessar tad-dħul għandha tippermetti li s-segwenti merkanzija tintuża fit-territorju doganali tal-Komunità f'operazzjoni ta' pproċessar waħda jew iktar ta' merkanzija mhux tal-Komunità maħsuba għall-esportazzjoni mill-ġdid mit-territorju doganali tal-Komunità taħt is-sura ta' prodotti li jikkumpensaw lil xulxin, mingħajr ma tali merkanzija tkun suġġetta għal dazji fuq l-importazzjoni jew miżuri ta' politika kummerċjali. Din il-forma ta' proċessar tad-dħul hija msejħa "sistema ta' sospensjoni" [Artikolu 114(2)(a), tal-Kodiċi Doganali]. Jirriżulta mill-Artikolu 114(2)(c) u (d), ta' dan il-Kodiċi illi l-prodotti li jikkumpensaw lil xulxin huma l-prodotti kollha li jirriżultaw minn operazzjonijiet ta' l-ipproċessar bħalma huma t-tħaddim u t-tiswija ta' merkanziji.

5 L-Artikolu 115(1)(a) tal-Kodiċi Doganali jippermetti wkoll illi l-prodotti li jikkumpensaw lil xulxin li għandhom jinkisbu minn "merkanzija ekwivalenti", definiti fl-Artikolu 114(2)(e) tal-Kodiċi bħala "[l-]merkanzija tal-Komunità li tintuża minflok il-merkanzija importata għall-manifattura ta' prodotti li jikkompensaw lil xulxin", bil-kundizzjoni li din il-merkanzija tkun ekwivalenti teknikament u kummerċjalment għal merkanziji ta' importazzjoni. Tirrigwarda sistema msejħa "kumpens għall-merkanzija ekwivalenti". L-Artikolu 115(1)(b) tal-Kodiċi Doganali jipprevedi wkoll barra dan illi l-prodotti li jikkumpensaw lil xulxin miksuba minn merkanzija ekwivalenti li tiġi esportata mill-Komunità qabel l-importazzjoni tal-merkanzija importata minn pajjiż terz (sistema msejħa ta' l-"esportazzjoni bil-quddiem" jew "ES/IM").

6 Skond l-Artikolu 115(3) tal-Kodiċi Doganali, li tingħata kumpens għall-merkanzija ekwivalenti għandu l-effett li jbiddel l-istatus doganali: "il-merkanzija importata għandha titqies għall-iskopijiet doganali bħala merkanzija ekwivalenti u din ta' l-aħħar bħala merkanzija importata".

7 Skond l-Artikolu 216 tal-Kodiċi Doganali:

"1. Safejn ftehim konkluż bejn il-Komunità u ċerti pajjiżi terzi jipprovdi għall-għoti ma' l-importazzjoni f'dawk il-pajjiżi ta' trattament preferenzjali tat-tariffa għal merkanziji li joriġinaw fil-Komunità fit-tifsira ta' dak il-ftehim, bil-kondizzjoni li, fejn ikunu nkisbu taħt il-proċedura ta' l-ipproċessar tad-dħul, merkanziji mhux tal-Komunità inkorporati fl-imsemmija merkanziji jkunu soġġetti għall-ħlas tad-dazji fuq l-importazzjoni li għandhom jitħallsu fuq l-istess, il-validazzjoni tad-dokumenti neċessarji sabiex dak it-trattament preferenzjali tat-tariffa jkun jista' jinkiseb f'pajjiżi terzi għandu jikkawża li jiġi inkors dejn doganali fuq l-importazzjoni.

2. Il-mument meta dak id-dejn doganali jiġi inkors għandu jitqies li jkun il-mument meta l-awtoritajiet doganali jaċċettaw id-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni dwar il-merkanziji konċernati.

3. Id-debitur għandu jkun id-dikjarant. F'każ ta' rappreżentazzjoni indiretta, il-persuna li għan-nom tagħha tkun saret id-dikjarazzjoni għandha wkoll tkun debitriċi.

4. L-ammont ta' dazji fuq l-importazzjoni li jikkorrispondi ma' dan id-dejn doganali għandu jiġi stabbilit taħt l-istess kondizzjonijiet bħal fil-każ ta' dejn doganali li jirriżulta mill-aċċettazzjoni, fl-istess data, tad-dikjarazzjoni għall-ħelsien għal ċirkolazzjoni libera tal-merkanziji involuti għall-iskop li tintemm il-proċedura ta' l-ipproċessar tad-dħul."

8 L-Artikolu 220(2) tal-Kodiċi Doganali jiddisponi:

"Ħlief fil-każijiet li ssir referenza għalihom fit-tieni u t-tielet subparagrafi ta' l-Artikolu 217(1), daħliet sussegwenti fil-kontijiet m'għandhomx isiru fejn:

[...]

b) l-ammont ta' dazju legalment dovut ma jkunx iddaħħal fil-kontijiet bħala riżultat ta' żball min-naħa ta' l-awtoritajiet doganali liema żball ma setgħetx raġonevolment tinduna bih il-persuna responsabbli għall-ħlas, waqt li din ta' l-aħħar tkun aġixxiet bil-bona fidi u ħarset id-dispożizzjonijiet kollha stipulati mil-leġislazzjoni fis-seħħ fir-rigward tad-dikjarazzjoni doganali.

[...]"

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

9 Agrover hija kumpannija stabbilita fl-Italja li għandha permess ta' pproċessar tad-dħul tar-ross *paddy*. Hija, f'Diċembru 2000, esportat għal tliet darbiet ross mitħun li joriġina mill-Komunità lejn l-Ungerija, wara, fi Frar 2001, importat mit-Tajlandja kwantitajiet ekwivalenti ta' ross imnaddaf, b'eżenzjoni mid-dazji.

10 Fis-26 ta' Jannar 2004, l-awtoritajiet Taljani kkunsidraw, abbażi ta' l-Artikolu 216 tal-Kodiċi Doganali, illi dawn it-tranżazzjonijiet ma setgħux jibbenefikaw mis-sistema ta' l-ipproċessar tad-dħul. Dawn l-awtoritajiet fil-fatt qiesu illi l-eżenzjoni mid-dazji tista' tingħata biss jekk l-importazzjonijiet kienu jikkonċernaw merkanzija li ġejja minn pajjiż li kien ikkonkluda ftehim preferenzjali mal-Komunità, li mhux il-każ tar-Renju tat-Tajlandja. L-imsemmija awtoritajiet għalhekk għaddew għall-irkupru tad-dazji marbuta ma' l-importazzjoni ta' ross (EUR 73 767,88). Agrover ikkontestat din id-deċiżjoni quddiem il-Commissione tributaria provinciale di Genova (it-Tribunal Fiskali tal-Provinċja ta' Ġenova). B'deċiżjoni tat-2 ta' Lulju 2004, din ta' l-aħħar ċaħdet ir-rikors ta' Agrover, li ppreżentat appell minn din id-deċiżjoni quddiem il-qorti tar-rinviju.

11 F'dawn iċ-ċirkustanzi l-Commissione tributaria regionale di Genova (it-Tribunal Fiskali tar-Reġjun ta' Ġenova) ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Jista' l-Artikolu 216 tal-Kodiċi Doganali [...] jiġi applikat fil-każijiet fejn merkanzija Komunitarja (ross), esportata bil-quddiem taħt is-sistema ta' l-

ipproċessar tad-dħul b'ċertifikat EUR 1 lejn pajjiż terz (li miegħu ġie konkluż ftehim li jipprevedi l-għoti ta' trattament preferenzjali tat-tariffa), twassal għall-applikazzjoni ta' dazji doganali fuq l-importazzjoni fil-mument ta' meta suċċessivament ikun hemm l-importazzjoni mill-ġdid, li tikkumpensa, ta' l-istess merkanzija (ekwivalenti) minn pajjiż terz li ma jkunx ikkonkluda ftehim mal-Komunità?

2) Fil-każijiet fejn id-dazji previsti fl-Artikolu 216 tal-Kodiċi Doganali [...] ma nġabrux kontestwalment ma' l-importazzjoni li tikkumpensa, tista' d-dwana titlobhom sussegwentement, jew jekk, bil-kontra ta' dan, dan huwiex każ ta' eżenzjoni kopert mill-Artikolu 220 ta' dan l-istess Kodiċi?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

L-osservazzjonijiet ippreżentati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

12 Agrover u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej jqisu li l-Artikolu 216 tal-Kodiċi Doganali ma japplikax għal tranżazzjonijiet ta' pproċessar tad-dħul ta' esportazzjoni bil-quddiem, waqt li dan huwa kkontestat mill-Gvern Taljan.

13 Agrover issostni li l-imsemmi Artikolu 216 jippresupponi li l-merkanzija mhux Komunitarja tkun ġiet "inkorporata" fil-prodott li jikkumpensa. Għalhekk, din id-dispożizzjoni ma tapplikax meta, kif hemm fil-kawża prinċipali, il-prodott li jikkumpensa jkun ġie esportat qabel l-importazzjoni tal-merkanzija ta' oriġini ta'

pajjiż terz. Din l-interpretazzjoni hija kkonfermata mill-Artikolu 15 tal-protokoll Nru 4, li jipprojbixxi r-rifużjoni tad-dazji doganali għal "materjali li mhumiex oriġinarji u li ntużaw fil-manifattura ta' prodotti li joriġinaw [b'mod partikolari] mill-Komunità". Agrover iżżid illi l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 216 tal-Kodiċi Doganali tħarbat il-bilanċ tat-tranżazzjonijiet in kwistjoni fil-kawża prinċipali u tikkawżalha telf ta' madwar EUR 210 għal kull tunnellata ta' ross.

14 Il-Kummissjoni tfakkar illi l-Artikolu 216 tal-Kodiċi Doganali jikkonċerna l-merkanziji "li joriġinaw fil-Komunità". Issa, il-bidla fir-regoli doganali li tirriżulta mill-Artikolu 115(3) ta' dan il-Kodiċi għandu bħala konsegwenza li tranżazzjoni tat-tip ES/IM ma tistax tiġi mqabbla ma' esportazzjoni ta' merkanziji lejn pajjiż terz li miegħu hemm ftehim tat-tariffi preferenzjali. Barra dan, il-fatt illi l-Artikolu 216(2) tal-Kodiċi jistabbilixxi l-ħolqien ta' l-obbligu ta' dazju fil-mument meta l-awtoritajiet doganali jaċċettaw id-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni juri li din id-dispożizzjoni hija manifestament inapplikabbli għal tranżazzjoni tat-tip ES/IM. Fir-rigward ta' din il-*fictio juris*, l-awtoritajiet Taljani ma kellhomx jaċċettaw iċ-ċertifikat EUR.1 għal ross li joriġina mill-Komunità li kellu jiġi esportat fl-Ungerija, iżda, bil-kontra, kellhom jikkunsidraw dan ir-ross bħala li ġej mit-Tajlandja sabiex jiġi esportat lejn l-Ungerija skond is-sistema ta' l-ipproċessar tad-dħul ES/IM.

15 Skond il-Gvern Taljan, it-teżi ta' Agrover timplika kumulu eċċessiv ta' vantaġġi fil-kuntest ta' l-istess tranżazzjoni, peress li kemm il-prodott esportat bil-quddiem kif ukoll il-prodott ta' oriġini minn pajjiż terz jevadu d-dazji kollha doganali. Id-dubji fuq l-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 216 tal-Kodiċi Doganali illi, fid-dokument TAXUD/724/2003 ta' l-20 ta' Marzu 2003, kien jikkonkludi li din id-dispożizzjoni tapplika f'kull każ ta' pproċessar tad-dħul ta' ross ma' esportazzjoni bil-quddiem u kumpens għall-merkanzija ekwivalenti.

Ir-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja

16 Bl-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju sostanzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 216 tal-Kodiċi Doganali japplikax għal tranżazzjonijiet ta' pproċeesar tad-dħul ma' esportazzjoni bil-quddiem.

17 Preliminarjament, għandu jiġi mfakkar illi, skond ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, għall-interpretazzjoni ta' diżpożizzjoni ta' dritt Komunitarju, hemm lok li jiġu kkunsidrati mhux biss it-termini tagħha, iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li minnha hi tagħmel parti (sentenzi tas-17 ta' Novembru 1983, Merck, 292/82, Ġabra p. 3781, punt 12, kif ukoll tat-8 ta' Settembru 2005, Mobistar u Belgacom Mobile, C-544/03 u C-545/03, Ġabra p. I-7723, punt 39) kif ukoll id-dispożizzjonijiet kollha tad-dritt Komunitarju (sentenza tas-6 ta' Ottubru 1982, Cilfit *et*, 283/81, Ġabra p. 3415, punt 20). Barra dan, is-supremazija tal-ftehim internazzjonali konklużi mill-Komunità fuq it-testi ta' dritt Komunitarju sekondarju titlob li dawn ta' l-aħħar jiġu interpretati, kemm jista' jkun, b'mod konformi ma' dawn il-ftehim (sentenza tat-12 ta' Jannar 2006, Algemene Scheeps Agentuur Dordrecht, C-311/04, Ġabra p. I-609, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata).

18 Rigward l-għan ta' l-Artikolu 216 tal-Kodiċi Doganali, jidher li din id-dispożizzjoni hija intiża li tħares l-obbligi internazzjonali tal-Komunità li jirriżultaw minn ċerti ftehim preferenzjali [ara, f'dan ir-rigward, is-seba' premessa tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2144/87, tat-13 ta' Lulju 1987, dwar id-dejn doganali (ĠU L 201, p. 15), dwar id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 9(1) ta' l-imsemmi Regolament, li kienu għalhekk inklużi wkoll fl-Artikolu 216 tal-Kodiċi Doganali]. Fil-fatt, skond il-klawżoli msejħa ta' "non-rifużjoni", dawn il-ftehim jistgħu jipprevedu li, fir-rigward tal-prodotti li jikkumpensaw miksuba fil-Komunità taħt is-sistema ta' l-ipproċessar tad-dħul, l-applikazzjoni ta' trattament preferenzjali li jintroduċu huwa suġġett għall-ħlas ta' dazji fuq l-importazzjoni marbuta mal-merkanziji ta' pajjiżi terzi li hemm jew li tħaddmu fl-imsemmija prodotti.

19 B'hekk, klawżola ta' non rifużjoni bħal dik prevista fl-Artikolu 15 tal-protokoll Nru 4 għandha l-effett li tneħħi lil min għandu permess ta' pproċeesar tad-dħul mill-benefiċċju tas-sospensjoni tad-dazji ta' importazzjoni ta' merkanzija li toriġina minn pajjiż terz użata fl-ipproċessar meta l-prodott li jikkumpensa huwa esportat lejn pajjiż sieħeb. Skond l-għan ta' integrazzjoni ekonomika bilaterali segwit minn ftehim preferenzjali bħalma hu l-Ftehim Ewropew li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika ta' l-Ungerija, min-naħa l-oħra, dawn il-klawżoli ta' non rifużjoni jiffavorixxu l-użu ta' merkanziji li joriġinaw mit-territorju doganali tal-partijiet għall-ftehim meta jissuġġettaw għall-ħlas ta' dazji fuq l-importazzjoni l-merkanziji ta' pajjiżi terzi użati fi tranżazzjonijiet ta' pproċessar tad-dħul. Huma jipprojbixxu wkoll il-kumulu ta' vantaġġi doganali li jistgħu jirriżultaw fl-applikazzjoni fl-istess ħin ta' sistema ta' pproċessar tad-dħul u preferenzjali.

20 Dawn l-elementi juru li, bejn l-għan ta' promozzjoni ta' esportazzjonijiet ta' impriżi Komunitarji mfittxija mis-sistema doganali ta' l-ipproċessar tad-dħul (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-29 ta' Ġunju 1995, Temic Telefunken, C-437/93, Ġabra p. I-1687, punt 18, u tat-13 ta' Marzu 1997, Eridania Beghin-Say, C-103/96, Ġabra p. I-1453, punt 26) u dak ta' integrazzjoni ekonomika inerenti għall-ftehim preferenzjali, il-leġiżlatur, meta adotta l-Artikolu 216 tal-Kodiċi Doganali, ried li jipprevali dan ta' l-aħħar.

21 Huwa minnu li l-ifformular ta' l-Artikolu 216 tal-Kodiċi Doganali ma jgħidx espressament li jissuġġetta għad-dazji doganali biss il-merkanziji minn pajjiżi terzi "inkorporati" fil-prodotti oriġinarji li jikkumpensaw. Madankollu, ikkunsidrat l-għan u l-ekonomija ġenerali ta' din id-dispożizzjoni, hemm lok li tikkunsidra li hija wkoll tista' tapplika fil-każ ta' esportazzjoni bil-quddiem tal-prodotti li jikkumpensaw.

22 L-interpretazzjoni litterali ta' l-Artikolu 216 tal-Kodiċi Doganali propost minn Agrover ma tistax għalhekk tiġi aċċettata, peress illi hija jkollha l-effett, għat-tranżazzjonijiet ta' l-ipproċeesar tad-dħul li biha l-pprodott li jikkumpensa huwa

esportat bil-quddiem, li tneħħi l-effett utli ta' l-impenji internazzjonali tal-Komunità li jirriżultaw minn klawżoli ta' non rifużjoni u li jagħtu lill-benefiċjarju ta' permess ta' pproċessar tad-dħul kumulu ta' vantaġġi li l-leġiżlatur ried jevita.

23 Fl-aħħar nett, għandhom jiġu mwarrba l-argumenti tal-Kummissjoni li jgħidu li l-bidla fir-regoli doganali tal-merkanzija previst fl-Artikolu 115(3) tal-Kodiċi Doganali jkun inkompatibbli ma' interpretazzjoni ta' l-Artikolu 216 ta' l-imsemmi Kodiċi li jawtorizza l-applikazzjoni ta' dan ta' l-aħħar għal tranżazzjonijiet tat-tip ES/IM. Kuntrarjament għal dak li jidher li tippretendi l-Kummissjoni, l-imsemmi Artikolu 115(3) għandu bħala għan u l-effett mhux li jemenda l-oriġini doganali tal-merkanziji in kwistjoni, iżda li jaqleb l-"[istatus] doganali" tagħhom sabiex l-applikazzjoni ta' l-ipproċessar tad-dħul tkun tapplika.

24 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat illi l-metodi ta' implementazzjoni ta' l-Artikolu 115(3) tal-Kodiċi Doganali f'każ ta' rikors għal esportazzjoni minn qabel huma spjegati fl-Artikolu 572 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93, tat-2 ta' Lulju 1993, li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament Nru 2913/92 (ĠU L 253, p. 1), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 3665/93, tal-21 ta' Diċembru 1993 (ĠU L 335, p. 1), li jgħid li l-bdil ta' l-istatus doganali jsir, "għar-rigward tal-prodotti esportati ta' kumpens, fil-ħin ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni u b'kondizzjoni li l-prodotti ta' l-importazzjoni jkunu mdaħħla fil-proċedura" ta' l-ipproċessar tad-dħul, u, "għar-rigward tal-prodotti ta' l-importazzjoni u prodotti ekwivalenti, fil-ħin tar-rilaxx tal-prodotti ta' l-importazzjoni dikjarati għall-[din il-]proċedura". Fil-każ ta' tranżazzjoni tat-tip ES/IM, l-Artikolu 577 ta' dan ir-Regolament jipprevedi barra dan li l-proċedura tkun meqjusa li saret "meta l-awtoritajiet doganali jkunu aċċettaw id-dikjarazzjoni dwar merkanzija mhux Komunitarja".

25 Skond dawn id-dispożizzjonijiet, f'każ ta' tranżazzjoni tat-tip ES/IM, huwa biss meta l-merkanziji ta' oriġini ta' pajjiż terz ikunu ġew importati li l-awtoritajiet doganali

jkunu jistgħu jivverifikaw li l-kundizzjonijiet kollha tas-sistema ta' l-ipproċessar tad-dħul ikunu preżenti u li l-Artikolu 216 tal-Kodiċi Doganali ma jfixklux is-sospensjoni tad-dazji fuq l-importazzjoni.

26 Għandha għalhekk tingħata risposta lill-ewwel domanda li l-Artikolu 216 tal-Kodiċi Doganali huwa applikabbli għat-tranżazzjonijiet ta' pproċessar tad-dħul imsemmija fl-Artikolu 115(1)(b) ta' l-imsemmi Kodiċi, li fihom il-prodotti li jikkumpensaw ikunu ġew esportati barra l-Komunità qabel l-importazzjoni tal-merkanziji ta' importazzjoni.

Fuq it-tieni domanda

27 Bit-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju sostanzjalment tistaqsi jekk impriża f'sitwazzjoni bħal dik ta' Agrover għandhiex dritt, skond l-Artikolu 220(2)(b) tal-Kodiċi Doganali, li ma jkunx hemm irkupru ta' dazji fuq l-importazzjoni fuq merkanziji li joriġinaw minn pajjiż terz li ma konkludiex ftehim mal-Komunità li jipprevedi l-għoti ta' trattament tariffarju preferenzjali.

28 Agrover issostni li hija kellha tibbenefika minn eżenzjoni mill-ħlas skond l-Artikolu 220(2)(b) tal-Kodiċi Doganali minħabba żbalji tort ta' l-awtoritajiet doganali. Hija tikkritika lil dawn ta' l-aħħar li taw ċertifikat EUR.1 u taw interpretazzjonijiet diverġenti ta' l-Artikolu 216 ta' l-imsemmi Kodiċi. Agrover sostniet li hija dejjem aġixxiet *in bona fede* u tat lil dawn l-awtoritajiet l-elementi kollha meħtieġa sabiex tibbenefika minn eżenzjoni ta' dazji ta' importazzjoni. Hija tippretendi li l-fatt li l-imsemmija awtoritajiet ma kinux opponew għal dawn l-importazzjonijiet jikkostitwixxi żball li jfixkel li *a posteriori* jiddaħħlu dazji fil-kontijiet, u jirriferu f'dan ir-rigward għas-sentenza ta' l-1 ta' April 1993, Hewlett Packard France (C-250/91, Ġabra p. I-1819).

29 Il-Gvern Taljan iqis li l-kundizzjonijiet applikabbli għall-Artikolu 220(2)(b) tal-Kodiċi Doganali mhumiex issodisfatti f'din il-kawża.

30 Għandu jiġi mfakkar li skond l-Artikolu 220(2)(b) tal-Kodiċi Doganali, l-awtoritajiet kompetenti m'għandhomx *a posteriori* jinkludu d-dħul sussegwenti fil-kontijiet tad-dazji fuq l-importazzjoni ħlief jekk jiġu sodisfatti tliet kundizzjonijiet kumulattivi. Jeħtieġ, l-ewwel nett, li d-dazji ma jkunux inġabru b'riżultat ta' żball ta' l-awtoritajiet kompetenti nfushom, it-tieni nett, li l-iżball imwettaq minn dawn ma setgħetx raġonevolment tinduna bih il-persuna suġġetta għad-dazju li taġixxi *in bona fide* u, fl-aħħar nett, li din ta' l-aħħar osservat id-dispożizzjonijiet kollha previsti mil-leġiżlazzjoni fis-seħħ f'dak li jikkonċerna d-dikjarazzjoni doganali tagħha (ara, b'analoġija, is-sentenzi tat-12 ta' Lulju 1989, Binder, 161/88, Ġabra p. 2415, punti 15 u 16; ta' l-14 ta' Mejju 1996, Faroe Seafood *et*, C-153/94 u C-204/94, Ġabra p. I-2465, punt 83; id-digrieti tad-9 ta' Diċembru 1999, CPL Imperial 2 u Unifrigo vs Il-Kummissjoni, C-299/98 P, Ġabra p. I-8683, punt 22, kif ukoll tal-11 ta' Ottubru 2001, William Hinton & Sons, C-30/00, Ġabra p. I-7511, punti 68, 69, 71 u 72). Meta dawn il-kundizzjonijiet huma ssodisfatti, il-persuna taxxabbli għandha dritt li ma jsirx l-irkupru *a posteriori* (sentenza tas-27 ta' Ġunju 1991, Mecanarte, C-348/89, Ġabra p. I-3277, punt 12).

31 Fir-rigward ta' l-ewwel waħda fost dawn il-kundizzjonijiet, għandu wkoll jiġi mfakkar illi l-Artikolu 220(2)(b) tal-Kodiċi Doganali għandu bħala għan li jipproteġi l-aspettattivi leġittimi tal-persuna taxxabbli fir-rigward tal-fondatezza ta' l-elementi kollha involuti fid-deċiżjoni jekk id-dazji għandhomx jiġi rkuprati jew le. Madankollu, l-aspettattivi leġittimi tal-persuna taxxabbli jistgħu jibbenefikaw mill-protezzjoni mogħtija minn din id-dispożizzjoni biss jekk huma l-awtoritajiet kompetenti "stess" li ħolqu l-bażi li fuqha huma bbażati l-aspettattivi tal-persuna taxxabbli. B'hekk, huma l-iżbalji li seħħew minħabba l-aġir pożittiv ta' l-awtoritajiet kompetenti biss u li ma setgħux raġonevolment jiġu skoperti mill-persuna taxxabbli li jagħtu lok għal nuqqas ta' rkupru *a posteriori* tad-dazji doganali (ara, b'analoġija, is-sentenza Mecanarte, iċċitata iktar 'il fuq, punti 19 u 23).

32 F'dak li jikkonċerna t-tieni kundizzjoni msemmija iktar 'il fuq, il-kwistjoni jekk wieħed setax jinduna bi żball imwettaq mill-awtoritajiet doganali kompetenti għandha tiġi evalwata billi jittieħdu in kunsiderazzjoni n-natura ta' l-iżball, l-

esperjenza professjonali ta' l-operaturi kkonċernati u d-diliġenza li jkunu wrew dawn ta' l-aħħar. In-natura ta' l-iżball għandha tiġi evalwata fid-dawl tal-kumplessità jew, għall-kuntrarju, tan-natura sufiċjentement sempliċi tal-leġiżlazzjoni in kwistjoni u tal-perijodu ta' żmien li matulu l-awtoritajiet ikunu ppersistew fl-iżball tagħhom (sentenza tat-3 ta' Marzu 2005, Biegi Nahrungsmittel u Commonfood vs Il-Kummissjoni, C-499/03 P, Ġabra p. I-1751, punti 47 u 48 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

33 Fir-rigward tat-tielet kundizzjoni, min jiddikjara huwa obbligat li jagħti lill-awtoritajiet doganali l-informazzjoni kollha meħtieġa previsti mir-regoli Komunitarji u r-regoli nazzjonali li, jekk ikun il-każ, għandhom jikkompletawhom jew jittrasponuhom, fir-rigward tat-trattament fiskali mitluba mill-merkanzija kkonċernata (sentenza Faroe Seafood *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 108).

34 Skond it-tqassim ta' xogħol stabbilit mill-Artikolu 234 KE, li skondha r-rwol tal-Qorti tal-Ġustizzja huwa li tagħti lill-qorti tar-rinviju l-elementi ta' interpretazzjoni meħtieġa għas-soluzzjoni tal-kawża mressqa quddiem din ta' l-aħħar, hija din l-istess qorti tar-rinviju li għandha tapplika dawn ir-regoli u tevalwhom, billi tikkunsidra l-elementi konkreti kollha tal-kawża mressqa quddiemha, u b'mod partikolari tal-provi mressqa għal dan il-għan mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, jekk kull waħda minn dawn il-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex ma jkunx hemm irkupru *a posteriori* ta' dazji ta' importazzjoni, skond l-Artikolu 220(2)(b), tal-Kodiċi Doganali, tkun issodisfatta.

35 Għalhekk għandha tingħata risposta lit-tieni domanda li, meta, matul l-ivverifikar ta' tranżazzjoni ta' pproċessar tad-dħul (sistema ta' sospensjoni) b'kumpens għall-merkanzija ekwivalenti u esportazzjoni bil-quddiem, l-awtoritajiet kompetenti ma opponewx, abbażi ta' l-Artikolu 216 tal-Kodiċi Doganali, għall-eżenzjoni ta' dazji għall-importazzjoni tal-merkanzija ta' oriġini ta' pajjiż terz, huma għandhom jirrinunzjaw milli jdaħħlu *a posteriori* fil-kontijiet l-imsemmija dazji ta' importazzjoni, skond l-Artikolu 220(2)(b) ta' l-imsemmi Kodiċi, jekk tliet kundizzjonijiet kumulattivi jkunu sodisfatti. Jeħtieġ, l-ewwel nett, li d-dazji ma jkunux inġabru

b'riżultat ta' żball ta' l-awtoritajiet kompetenti nfushom, it-tieni nett, li l-żball imwettaq minn dawn ta' l-aħħar ma setgħetx raġonevolment tinduna bih il-persuna suġġetta għad-dazju li taġixxi *in bona fide* u, fl-aħħar nett, li din ta' l-aħħar osservat id-dispożizzjonijiet kollha previsti mil-leġiżlazzjoni fis-seħħ f'dak li jikkonċerna d-dikjarazzjoni doganali tagħha. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa jekk dan huwiex il-każ f'din il-kawża prinċipali skond il-provi konkreti kollha tal-kawża li għandha quddiemha, u b'mod partikolari tal-provi miġjuba għal dan il-għan mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali.

Fuq l-ispejjeż

36 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni ta' l-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk ta' l-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-Artikolu 216 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, tat-12 ta' Ottubru 1992, li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2700/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Novembru 2000, huwa applikabbli għat-tranżazzjonijiet ta' ipproċessar tad-dħul imsemmija fl-Artikolu 115(1)(b) ta' l-imsemmi Regolament, li fihom il-prodotti li jikkumpensaw ikunu ġew esportati barra l-Komunità qabel l-importazzjoni tal-merkanziji ta' importazzjoni.

2) **Meta, matul l-ivverifikar ta' tranżazzjoni ta' pproċessar tad-dħul (sistema ta' sospensjoni) b'kumpens għall-merkanzija ekwivalenti u esportazzjoni bil-quddiem, l-awtoritajiet kompetenti ma opponewx, abbażi ta' l-Artikolu 216 tar-Regolament Nru 2913/92, kif emendat bir-Regolament Nru 2700/2000, għall-eżenzjoni ta' dazji għall-importazzjoni tal-merkanzija ta' oriġini ta' pajjiż terz, huma għandhom jirrinunzjaw milli jdaħħlu *a posteriori* fil-kontijiet l-imsemmija dazji ta' importazzjoni, skond l-Artikolu 220(2)(b) ta' dan ir-Regolament, jekk tliet kundizzjonijiet kumulattivi jkunu sodisfatti. Jeħtieġ, l-ewwel nett, li d-dazji ma jkunux inġabru b'riżultat ta' żball ta' l-awtoritajiet kompetenti nfushom, it-tieni nett, li l-iżball imwettaq minn dawn ta' l-aħħar ma setgħetx raġonevolment tinduna bih il-persuna suġġetta għad-dazju li taġixxi *in bona fide* u, fl-aħħar nett, li din ta' l-aħħar osservat id-dispożizzjonijiet kollha previsti mil-leġiżlazzjoni fis-seħħ f'dak li jikkonċerna d-dikjarazzjoni doganali tagħha. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa jekk dan huwiex il-każ f'din il-kawża prinċipali skond il-provi konkreti kollha tal-kawża li għandha quddiemha, u b'mod partikolari tal-provi miġjuba għal dan il-għan mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali.**

Firem